## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **593/2023 (AD)**

## TRAN MANH HUNG

**vs**

## L-AVUKAT ĠENERALI U
## L-AVUKAT TAL-ISTAT

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, dsatax (19) t'April 2024**

**Il-Qorti**:

1. Dan hija sentenza dwar in-nuqqas ta' forum sabiex wieħed jitlob ir-reviżjoni tad-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għat-talbiet tiegħu għal-liberta' provviżorja, meqjusa fid-dawl tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

**Fatti tal-Każ**

2. Permezz ta' Rikors Kostituzzjonali datat tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru 2023, ir-rikorrent **Tran Manh Hung** ippremetta:

   a. *Illi l-esponent tressaq il-Qorti fis-7 t'Ottubru 2023 akkużat inter alia b'falsifikazzjoni ta' skritturi ta' lokazzjoni u kompliċita' f'reati konnessi mal-ottjeniment ta' visa. Il-proċeduri huma fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Jonathan Ransley) vs Tran Manh Hung quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr Marseanne Farrugia;*

   b. *Illi l-esponent kien tressaq il-Qorti b'arrest u ilu arrestat sa mis-7 t'Ottubru 2023;*

   c. *Illi l-esponent intavola pluralita' ta' rikorsi fejn talab li jingħata l-liberta', pero dawn dejjem ġew miċħuda. L-aħħar rikors kien ġie intavolat fis-16 ta' Novembru 2023 u ġie miċħud permezz ta' digriet tal-21 ta' Novembru 2023;*

   d. *Illi huwa jirriżultalu li f'dan l-istadju m'hemm assolutament l-ebda raġuni valida għaliex huwa għandu jibqa' detenut taħt arrest preventiv. Għalhekk huwa jħoss li ċ-ċaħda tiegħu hija erronja. Pero' ma jistax isib forum ieħor biex jirrevedi din id-deċiżjoni u jibża' li ser jgħaddi l-proċess kollu tiegħu taħt arrest preventiv u b'hekk ikun ġie punit qabel ma jkun instab ħati;*

   e. *Illi l-esponent qiegħed presenzjalment iressaq lanjanza illi fejn il-liġi tipprovdi dwar talbiet għal-liberta' proviżorja quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali m'hemmx ugwaljanza tal-armi u konsegwentement hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq kif ser jiġi spjegat;*

   f. *Illi l-artikoli li jipprovdu dwar il-jedd illi imputat jew akkużat jitlob ħelsien mill-arrest huma l-artikolu 574 et seq tal-Kap 9;*

*g. Illi meta persuna jingħata l-ħelsien mill-arrest jew jinbidlu xi kundizzjonijiet l-Avukat Ġenerali huwa dejjem mogħti d-dritt t'appell mid-digriet relattiv in effetti l-artikolu 575(4A) tal-Kap 9 jipprovdi s-segwenti:*

*"Meta l-Qorti tal-Maġistrati, sew bħala qorti ta' ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, tagħti l-ħelsien mill-arrest lill-persuna taħt arrest jew fi żmien li jiġi wara temenda l-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, id-deċiżjoni tal-qorti f'dak ir-rigward għandha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali sa mhux aktar tard mill-ġurnata tax-xogħol li tiġi minnufih wara u l-Avukat Ġenerali jista' b'rikors jitlob lill-Qorti Kriminali biex jikseb l-arrest mill-ġdid u d-detenzjoni ulterjuri tal-persuna li tkun ġiet hekk meħlusa jew biex jemenda l-kondizzjonijiet, inkluż l-ammont li jitħallas bħala garanzija, li setgħu ġew stabbiliti mill-Qorti tal-Maġistrati."*

*h. Illi meta l-proċeduri jkunu jeċċedu l-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati u allura l-esponent jitressaq quddiem dik il-Qorti bħala Qorti Istruttorja l-imputat dejjem għandu l-possibilta' illi, f'każ ta' ċaħda ta' talba għall-ħelsien mill-arrest, jagħmel talba quddiem il-Qorti Kriminali fiż-żmien meta l-atti jkunu rinvijati għand l-Avukat Ġenerali;*

*i. Illi pero meta l-proċeduri jkunu tali li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-unika forum li l-akkużat ikollu biex jagħmel talba huwa quddiem dik il-Qorti mingħajr ebda dritt ta' reviżjoni quddiem xi Qorti oħra. Mill-banda l-oħra l-Avukat Ġenerali dejjem għandu l-jedd ta' appell kif stabbilit fl-artikolu fuq ċitat;*

*j. Illi fil-**Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a fair trial (criminal limb)** insibu hekk:*

*“Equality of arms is an inherent feature of a fair trial. It requires that each party be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a disadvantage vis-a-vis his opponet (Ocalan v. Turkey [GC], 2005, § 140; Foucher v. France, 1997, § 34; Bulut v. Austria, 1996; Faig Mammadov v. Azerbaijan, 2017, § 19). Equality of arms requires that a fair balance be struck between the parties, and applies to criminal and civil cases.”*

k. *Illi bla dubju, għalkemm in-nuqqas ta’ appell ma jilledix awtomatikament id-dritt ta’ smigħ xieraq pero’ jekk il-liġi tipprovdi dritt ta’ appell allura id-dritt ta’ smigħ xieraq japplika anke f’dak l-istadju ta’ appell sas-sentenza finali. In effetti l-istess* ***Guide*** *fuq ċitat insibu hekk:*

*“326. The Court has held that in criminal matters* ***the period to which Article 6 is applicable covers the whole of the proceedings in question (König v. Germany, 1978, § 98), including appeal proceedings*** *(Delacourt v. Belgium, 1970, §§ 25-26; König v. Germany, 1978, § 98; V. v. the United Kingdom [GC], 1999, § 109; see, however, Nechay v. Ukraine, 2021, § 64, where an intervening period relating to the procedure for the applicant’s psychiatric internment was discounted from the overall period of the criminal proceedings against the applicant). Article 6 § 1, furthermore, indicates as the final point the judgement determining the charge; this may be a decision given by an appeal court when such a court pronounces upon the merits of charge (Neumeister v. Austria, 1968 § 19).” (enfasi miżjud)*

l. *Illi mill-banda l-oħra ssir referenza għall-artikolu 2 tas-7 Protokoll li jgħid:*

*"Everyone convicted of a criminal offence by a tribunal shall have the right to have his conviction or sentence reviewed by a higher tribunal."*

m. *Illi għalkemm dan l-artikolu jitkellem dwar persuni misjuba ħatja, pero jekk wieħed iqis dan l-artikolu meħud flimkien mal-prinċipju tal-ugwaljanza ta' l-armi il-konklużjoni trid per forza tkun li ma jistax ikollok deċiżjoni dwar liberta' proviżorja li tista' tkun riveduta fuq talba ta' l-Avukat Ġenerali pero ma tistax tiġi riveduta fuq talba ta' l-akkużat;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent, għar-raġunijiet premessi, talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddikjara illi l-fatt illi l-esponent, stante li l-proċeduri kriminali kontra tiegħu huma pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, m'għandux forum fejn jista' jitlob reviżjoni tad-digrieti għat-talbiet tiegħu għal-liberta' proviżorja jilledi d-dritt ta' smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

   ii. *Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettieq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fosthom illi tiddeċiedi li teżamina hi stess jekk għandhiex tirrevedi l-istat ta' arrest biex tara għandux jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest jew, jekk alternattivament tawtorizza lill-esponent jintavola rikors quddiem il-Qorti Kriminali għal dan il-għan.*

   *Bl-ispejjeż;*

4. B'digriet mogħti nhar it-tletin (30) ta' Novembru 2023, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors kostituzzjonali lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum żmien min-notifika għar-risposta. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għat-Tlieta, tnax (12) ta' Diċembru 2023;

5. Permezz ta' risposta konġuntiva datata ħdax (11) ta' Diċembru 2023, l-**<u>Avukat tal-Istat</u>** u l-**<u>Avukat Ġenerali</u>**, wara illi esponew l-isfond fattwali tal-każ odjern, eċċepew:

   a. *Preliminarjament, l-esponenti Avukat Ġenerali ma hijiex il-leġittimu kontradittur ta' din l-azzjoni, u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

   b. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu għall-allegat leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, ir-rikorrent jargumenta li "m'hemmx ugwaljanza ta' l-armi u konsegwentement hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq kif ser jiġi spjegat." Hu josserva li ai termini tal-Artikolu 575(4A) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali dejjem għandu jedd li jagħmel rikors quddiem il-Qorti Kriminali biex ikun hemm reviżjoni tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest jew biex jikseb l-arrest mill-ġdid jekk il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest jew il-ħelsien mill-arrest innifsu jingħataw mill-Qorti tal-Maġsitrati sew bħala Qorti Istruttorja, kif ukoll bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrent josserva li min ikollu każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma għandux jedd li jitlob għal xi forma ta' reviżjoni bħal dak kontemplat mill-Artikolu 575(4A).*

   *Huwa minnu li r-rikorrent ma għandu ebda jedd ta' reviżjoni quddiem forum ieħor wara digriet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iżda dan ma jfissirx li ġie jew ser jiġi leż il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq.*

   *L-ewwel nett, għandu jiġi mfakkar il-prinċipju li l-jedd għal smigħ xieraq huwa wieħed li għandu jitqies fit-totalita' tal-proċeduri, u mhux aspett partikolari f'iżolament. Meta wieħed iqis l-istadju ferm bikri tal-proċeduri kriminali tar-rikorrent, l-allegazzjoni tar-rikorrent li hu diġa' sofra ksur ta' dan il-jedd fundamentali huwa intempestiv.*

*Fit-tieni nett, ir-rikorrent isejjes l-ilment tiegħu fuq allegat nuqqas fil-parita' tal-armi bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża. Bid-dovut rispett, iżda, il-parita' tal-armi hi materja separata mill-kwistjoni odjerna, għaliex dak li dan il-prinċipju jrid jiżgura huwa li fil-kuntest ta' proċeduri avversarji, iż-żewġ naħat ikollhom l-opportunita' li jippreżentaw il-provi tagħhom, jikkontrollaw il-provi tal-kontroparti u jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-materja in diżamina. Il-fatt li d-Difiża ma tistax titlob reviżjoni ta' ċaħda mill-ħelsien mill-arrest minn qorti oħra filwaqt li l-Avukat Ġenerali għandha jedd ta' reviżjoni quddiem il-Qorti Kriminali ma hiex materja li tinċidi fuq l-abbilta' tad-Difiża li tressaq il-każ tagħha.*

*Fit-tielet nett, il-jedd għal smigħ xieraq ma jfissirx li r-rikorrent għandu jedd awtomatiku għall-appell. Ir-referenza tal-appellant għat-Tieni Artikolu tas-Seba' Protokoll hi rrilevanti għall-iskopijiet ta' dawn il-proċeduri billi dak il-jedd ta' appell jeżisti biss fil-kuntest wara sejbien ta' ħtija.*

*Madanakollu, iżda, għandu jiġi mfakkar li ma hemm ebda limitu dwar kemm-il darba r-rikorrent jista' jitlob sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest. Irrispettivament minn kemm-il darba tali rikorsi jiġu miċħuda, ir-rikorrent dejjem għandu jedd li jitlob li jingħata l-ħelsien mill-arrest. Dan il-fatt, magħdud ukoll mal-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati qed iżżomm seduti kull ġimgħatejn peress li r-rikorrent huwa inkarċerat ifisser li l-bżonn tal-arrest tiegħu effettivament qiegħed jiġi mistħarreġ b'mod kontinwu.*

*Għalkemm is-sitwazzjoni ma kienitx preċiżament identika, din il-materja effettivament ġiet analizzata fis-sentenza* ***Alfred Degiorgio et vs L-Avukat tal-Istat.*** *Din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta kienet osservat:*

*"Issa fil-każ odjern jirriżulta li huwa minnu li fit-termini tal-artikolu 575(4A), kif ġia riportat aktar 'il fuq, l-Avukat Ġenerali għandu dritt ta'*

*appell wara li jiġi milqugħ rikors għall-ħelsien mill-arrest filwaqt li imputat / akkużat m'għandux dan id-dritt f'każ li t-talba tiġi miċħuda. L-Avukat tal-Istat iżda jargumenta li dan in-nuqqas huwa kumpensat mill-istess liġi li tawtorizza lill-imputat / akkużat li fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri jippreżenta talba għall-ħelsien mill-arrest kemm quddiem il-Qorti tal-Maġsitrati f'każ li l-proċess ikun jinsab rinvijat għandha jew quddiem il-Qorti Kriminali. Jenfasizza wkoll li ma hemmx limitu għal kemm-il darba tista' tiġi intavolata din it-talba. Ukoll il-liġi timponi fuq il-Qorti sabiex tanalizza l-validita' tal-kontinwita' ta' arrest preventiv kull ħmistax-il ġurnata.*

*Il-Qorti rat mill-atti li r-rikorrenti, għalkemm fil-liġi ma għandhom l-ebda dritt ta' appell minn rifjut ta' talba għall-ħelsien mill-arrest, huma għamlu użu ferm ampju mid-dritt mogħti lilhom fil-liġi li jintavolaw diversi talbiet għall-għoti ta' ħelsien mill-arrest. Fil-fatt jirriżulta fl-atti li daħlu mill-anqas tmien talbiet fl-atti tal-omiċidju, uħud minnhom daħlu l-għada li jkun ġie rifjutat ir-rikors preċedenti. Jirriżulta wkoll li dawn it-talbiet marru quddiem diversi ġudikanti skont il-proċess fejn ikun u wkoll l-istadju tal-proċeduri.*

*Il-Qorti wara li eżaminat l-atti, l-liġi in konsiderazzjoni u dak li jingħad mill-Qorti Ewropea, tqis li għandha taqbel ma' dak espost mill-Avukat tal-Istat.* ***Fl-ewwel lok il-Qorti Ewropea wkoll tikkonferma li d-dritt għal smigħ xieraq mhux neċessarjament jinkludi dritt ta' appell f'kull ċirkustanza.*** *Fit-tieni lok, għalkemm huwa minnu li l-liġi ma tipprovdix għal appell lill-imputat / akkużat la minn digriet tal-Qorti tal-Maġistrati u lanqas tal-Qorti Kriminali fuq ċaħda għal-liberta' proviżorja u dan in-nuqqas prima facie jista' jidher li jipprovdi żbilanċ kontra l-istess imputat / akkużat,* ***il-Qorti tqis li dan in-nuqqas huwa sew bilanċjat mid-dritt tal-imputat / akkużat li jerġa' jintavola rikors ġdid fi kwalunkwe mument tal-proċeduri kif effettivament jirriżulta li għamlu r-rikorrenti.*** *Għalhekk jirriżulta li huwa ferm importanti li f'dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis l-istampa wiesa' tal-*

*proċedura kollha u mhux biss is-sub-artikolu partikolari li fuqha qed iressqu l-ilment ir-rikorrenti.*

*Għar-raġunijiet esposti l-Qorti tqis ukoll li l-ilment tar-rikorrenti abbażi tal-Artitkolu 6 tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem ukoll mhux ġustifikat." [Emfasi miżjud]*

*Magħdud dan kollu, għalhekk, ir-rikorrent ma sofra ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;*

c. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fi kwalunkwe każ, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

d. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrent Tran Manh Hung datat tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru 2023;

7. Reġgħet rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali għar-rikors Kostituzzjonali, datata ħdax (11) ta' Diċembru 2023;

8. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Stephania Calafato Testa**, Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali, waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2024[1], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok SCT1,** konsistenti f'*pen-drive* bi *scan* tal-proċess tal-proċeduri penali meħuda fil-

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 18-19 tal-proċess

konfront tar-rikorrent, cioe Każ Nru 792/2023 fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Jonathan Ransley) vs Tran Manh Hung*** (a fol 20 *et seq* tal-proċess);

9. Rat illi r-rikorrent naqas milli jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet minkejja illi ngħata terminu sabiex fih jagħmel dan;

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet konġuntiva tal-intimati, datata l-ewwel (1) ta' Marzu 2024 (a fol 24 *et seq* tal-proċess);

11. Rat in-nota tar-rikorrenti datata tnax (12) t'April 2024 illi permezz tagħha r-rikorrent informa lil din il-Qorti illi l-proċeduri meħuda fil-konfront tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġiet deċiża fit-tnax (12) ta' Frar 2024, u wara illi r-rikorrent intavola appell u daħħal ir-rikors opportun sabiex jingħata l-liberta' proviżorja quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali, it-talba tiegħu għal-liberta' proviżorja ġiet milqugħa. Ir-rikorrent issottometta wkoll illi din il-Qorti għandha tikkonsidra anke kumpens idonju in linea mal-ħsieb ta' din il-Qorti kif diversement presjeduta fil-kawża fl-ismijiet ***Stajonovski Goran vs Avukat tal-Istat et*** per Onor Imħ Franceco Depasquale, deċiża fit-tmienja (8) ta' Ġunju 2022;

12. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-sentenza;

13. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

14. Jirriżulta mill-atti illi dak illi wassal għall-kawża odjerna kienu s-segwenti fatti:

- Ir-rikorrent tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar is-sebgħa (7) t'Ottubru 2023. Ir-rikorrent talab il-ħelsien mill-arrest, iżda t-talba tiegħu ġiet miċħuda. Jirriżulta mill-verbal tas-seduta relattiva, *"Il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u d-difiża fir-rigward tat-talba tal-imputat għall-*

*ħelsien mill-arrest; wara li rat l-istqarrija tal-imputat u qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li fehmet illi l-Pulizija qed tinvestiga iktar persuni b'rabta ma' dak li jidher li hu ċirku ta' attivita' kriminali, qiegħda tiċħad din it-talba stante li teżisti biża' illi l-imputat jekk jingħata l-ħelsien mill-arrest jinterferixxi max-xhieda u l-provi u b'hekk jintralċja l-kors tal-ġustizzja."* (a fol 4 tal-proċess tal-proċeduri penali);

- Permezz ta' rikors datat għaxra (10) t'Ottubru 2023 (a fol 14 tal-proċess tal-proċeduri penali), ir-rikorrent talab il-ħelsien mill-arrest. Permezz ta' digriet datat ħdax (11) t'Ottubru 2023 (a fol 33-34 tal-proċess tal-proċeduri penali), it-talba tar-rikorrent reġgħet ġiet miċħuda għall-istess raġunijiet;

- Permezz ta' rikors datat sbatax (17) t'Ottubru 2023 (a fol 36 *et seq* tal-proċess), ir-rikorrent reġa' talab il-ħelsien mill-arrest. Fl-ewwel seduta wara li ġie intavolat dan ir-rikors, u cioe f'dik tat-tlieta u għoxrin (23) t'Ottubru 2023[2], id-difiża talbet sabiex dan ir-rikors ma jiġix trattat f'dik is-seduta, iżda jiġi trattat fis-seduta ta' wara, u l-Qorti laqgħet it-talba. Hekk ukoll ġara fis-seduta ta' wara, u cioe dik tal-ewwel (1) ta' Novembru 2023[3]. Ir-rikors ġie trattat fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Novembru 2023[4], u degretat aktar tard dakinhar stess. Il-Qorti qalet, *"Mid-dokumenti eżebiti mill-imputat jidher li huwa għandu rabta ma' Malta għax għandu impjieg fiss u jikri post flimkien ma' xi persuni oħra hawn Malta. Pero tenut kont tan-natura tal-imputazzjonijiet u tal-konsegwenzi, inklużi deportazzjoni, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, il-Qorti ma tqisx li din ir-rabta hija soda biżżejjed sabiex tneħħi l-biża' reali li l-imputat jipprova jaħrab minn Malta f'każ li jingħata l-ħelsien mill-arrest. Konsegwentement il-Qorti tiċħad it-talba."*[5];

- B'rikors datat sittax (16) ta' Novembru 2023 (a fol 105-106 tal-proċess), ir-rikorrent reġa' talab il-ħelsien mill-arrest. B'digriet tal-wieħed u

[2] Vide verbal a fol 64 tal-proċess tal-proċeduri penali
[3] A fol 95 tal-proċess tal-proċeduri penali
[4] A fol 97 tal-proċess tal-proċeduri penali
[5] A fol 104 tal-proċess tal-proċeduri penali

għoxrin (21) ta' Novembru 2023, il-Qorti *inter alia* osservat: (a) illi hemm raġunijiet raġonevoli u oġġettivi għalfejn imputat li għandu rabtiet ma' Malta jiġi trattat differenti minn imputat ieħor li m'għandux tali rabtiet; (b) illi l-imputat kellu 27 sena u l-unika rabtiet li jidher li għandu ma' Malta huwa impjieg u illi jikri post ma' diversi persuni hawn Malta; (c) illi l-piena massima għar-reati li bihom ġie mixli hija waħda ta' erba' snin, u għalhekk mhix piena negliġibbli; (d) illi l-fatt illi huwa għandu impjieg fiss f'Malta ma jfissirx illi meta jrid jieqaf jaħdem hawn Malta u jsib impjieg ġo pajjiż ieħor barrani; (e) illi l-paga tiegħu mhix paga fenomenali, u minnha jgħaddi circa €1,500 kull xahrejn lill-familja tiegħu fil-Vietnam u jħallas il-kera; (f) jekk l-imputat jaħrab minn Malta, ikun diffiċli jinġieb lura b'mod prattiku u effiċjenti ħlief bil-ħruġ ta' talba għal estradizzjoni stante li mhux ċittadin tal-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, ċaħdet it-talba;

- B'rikors datat ħamsa (5) ta' Diċembru 2023 (a fol 118 tal-proċess), ir-rikorrent reġa' talab il-ħelsien mill-arrest. B'digriet mogħti nhar is-sebgħa (7) ta' Diċembru 2023[6], il-Qorti għamlet referenza għad-digriet tagħha tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru 2023 u nnotat illi ċ-ċirkostanzi ma kinux inbidlu. Konsegwentement ċaħdet it-talba tar-rikorrent;

- Ir-rikorrent għalaq il-provi tiegħu waqt is-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru 2023;

- B'sentenza mogħtija nhar it-tnax (12) ta' Frar 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lir-rikorrent ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u kkundannatu għal piena karċerarja ta' tmintax (18)-il xahar, li minnha kellu jitnaqqas iż-żmien kollu li r-rikorrent għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni mal-proċeduri penali miġjuba fil-konfront tiegħu[7];

---

[6] A fol 138 tal-proċess tal-proċeduri penali
[7] Kumpilazzjoni Nru 792/2023, ***Il-Pulizija vs Tran Manh Hung***, Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġ Dr Marse-Ann Farrugia, 12 ta' Frar 2024

- Ir-rikorrent appella mid-deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu, liema appell għadu pendenti, u ressaq talba għal-liberta' proviżorja quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali. Il-Qorti tal-Appelli Kriminali laqgħet it-talba tar-rikorrent għal-liberta' proviżorja[8];

15. Nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru 2023, u cioe qabel ngħatat is-sentenza fil-konfront tiegħu u waqt li kien għadu taħt arrest preventiv, ir-rikorrent intavola l-proċeduri odjerni, illi permezz tagħhom huwa qiegħed jilmenta illi filwaqt illi, ai termini tal-Artikolu 575(4A) tal-Kap 9 l-Avukat Ġenerali huwa dejjem mogħti d-dritt t'appell minn digriet illi permezz tiegħu persuna taħt arrest tingħata l-liberta' proviżorja, meta l-proċeduri jkunu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja l-imputat għandu l-possibilta' illi, f'każ ta' ċaħda ta' talba għall-ħelsien mill-arrest, jagħmel talba quddiem il-Qorti Kriminali fiż-żmien meta l-atti jkunu rinvijati għand l-Avukat Ġenerali, iżda meta l-proċeduri jkunu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-unika forum li l-akkużat ikollu biex jagħmel talba huwa quddiem dik il-Qorti mingħajr ebda dritt ta' reviżjoni quddiem xi Qorti oħra. Ir-rikorrent qed jikkontendi illi peress illi l-proċeduri illi kienu qed jittieħdu fil-konfront tiegħu kienu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, huwa ma kellux forum fejn seta' jitlob ir-reviżjoni tad-digrieti għat-talbiet tiegħu għal-liberta' proviżorja, b'leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċiti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

A. *Leġittimu Kontradittur*

16. Fl-ewwel lok, din il-Qorti sejra tindirizza l-eċċezzjoni sollevata mill-Avukat Ġenerali illi hija m'hijiex il-leġittimu kontradittur sabiex twieġeb għall-ilment

[8] Vide nota tar-rikorrent datata 12 t'April 2024

tar-rikorrent, u li għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

17. L-Artikolu 181B tal-Kap 12 jistabbilixxi illi:

> *181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*
>
> *[...]*
>
> *(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*
>
> *[...]*

18. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Joseph Abela vs L-Onor Prim Ministru et***[9]:

> *[F]'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontraditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, għall-kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi; Fit-tieni kategorija huma dawk li għall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni ta' l-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija*

[9] Qorti Kostituzzjonali, 7 ta' Diċembru 1990 (Vol LXXIV.i.261)

*mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja;*

19. L-Avukat Ġenerali hija l-Uffiċjal Prosekutur illi mexxiet il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent u opponiet għad-diversi talbiet illi għamel ir-rikorrent għal-liberta' proviżorja, u għalhekk taqa' fit-tielet kategorija;

20. In oltre, fil-każ odjern, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex *"Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettieq tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent, fosthom illi tiddeċiedi li teżamina hi stess jekk għandhiex tirrevedi l-istat ta' arrest biex tara għandux jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest jew, jekk alternattivament tawtorizza lill-esponent jintavola rikors quddiem il-Qorti Kriminali għal dan il-għan"*. Evidentement, deċiżjoni favorevoli għar-rikorrent f'dan ir-rigward, ma kinitx tkun waħda illi taffettwa biss il-liġijiet in vigore, iżda saħansitra anke l-proċeduri penali li kienet qed tmexxi l-Avukat Ġenerali fil-konfront tar-rikorrent. Għaldaqstant, bħala parti illi tista' tiġi affettwata b'mod dirett bid-deċiżjoni illi tingħata minn din il-Qorti fil-proċeduri odjerni, l-Avukat Ġenerali kellha wkoll tingħata l-opportunita' li tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha għat-talbiet rikorrenti u li tressaq il-provi kollha tagħha in sostenn tal-istess, kif fil-fatt ingħatat. Naturalment, fil-mument illi fih qed tingħata din is-sentenza, din it-talba tar-rikorrent hija llum sorvolata u r-rikorrent m'għadux taħt arrest preventiv, iżda dan kien biss żvolġiment illi seħħ f'dawn l-aħħar ġranet;

21. Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi bħala waħda mit-tliet kategoriji ta' partijiet illi għandhom jitqiesu bħala leġittimi kontradittturi, l-Avukat Ġenerali m'għandhiex tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju. Din il-Qorti qiegħda għalhekk **tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimati.

B. *<u>L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>*

22. L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*
>
> *(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*
>
> *(3) Ħlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proċeduri kollha ta' kull qorti u l-proċeduri dwar id-deċiżjoni tal-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili ta' persuna quddiem xi awtorità ġudikanti oħra, magħdud il-pronunzjament tad-deċiżjoni tal-qorti jew awtorità oħra, għandhom jinżammu fil-pubbliku.*
>
> *(4) Ebda ħaġa fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma għandha timpedixxi lil xi qorti jew xi awtorità bħalma hija msemmija f'dak is-subartikolu milli teskludi mill-proċeduri persuni li ma jkunux il-partijiet tal-proċeduri u r-rappreżentanti legali tagħhom –*
>
> *(a) fi proċeduri quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja u proċeduri oħra li, fil-prattika tal-Qrati f'Malta jiġu, jew huma tal-istess xorta bħal dawk li jiġu, deċiżi in camera;*

*(b) fi proċeduri skont xi liġi dwar it-taxxa fuq l- income; jew*

*(ċ) safejn il-qorti jew awtorità oħra –*

*(i) tista' tqis meħtieġ jew espedjenti f'ċirkostanzi li fihom il-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja; jew*

*(ii) jista' jkollha setgħa jew tkun meħtieġa b'liġi li tagħmel hekk fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika, il-ġid ta' persuni taħt l-età ta' tmintax-il sena jew il-protezzjoni tal-ħajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu mal-proċeduri;*

*(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:*

*Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.*

*(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*

*(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhemu bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;*

*(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;*

*(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; u*

*(e) għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta' interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar l-akkuża,*

*u ħlief bil-kunsens tiegħu stess il-proċeduri ma jistgħux jinżammu fl-assenza tiegħu ħlief jekk huwa jġib ruħu hekk li jagħmel it-tkomplija tal-proċeduri fil-preżenza tiegħu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl-assenza tiegħu.*

*(7) Meta xi ħadd jgħaddi proċeduri dwar reat kriminali, il-persuna akkużata jew xi persuna awtorizzata minnha għal hekk għandha, jekk hekk teħtieġ u bi ħlas ta' dak id-dritt raġonevoli li jista' jkun preskritt b'liġi, tiġi mogħtija fi żmien raġonevoli wara s-sentenza kopja għall-użu tal-persuna akkużata ta' kull inkartament tal-proċeduri magħmula minn jew għan-nom tal-qorti.*

*(8) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul.*

*(9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:*

*Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja.*

*(10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha.*

*(11) F’dan l-artikolu "rappreżentant legali" tfisser persuna intitolata li teżerċita f’Malta bħala avukat jew ħlief dwar proċeduri quddiem qorti fejn prokuratur legali ma għandux dritt ta’ smigħ, prokuratur legali.*

23. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid kif isegwi:

*1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta’ xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f‘soċjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f’ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista’ tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

*2. Kull min ikun akkużat b’reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

*3. Kull min ikun akkużat b’reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*
*(a) li jkun infurmat minnufih, b’lingwa li jifhem u fid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*
*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
*(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta’ assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din*

*għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*
*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

24. Meta wieħed jikkompara għalhekk iż-żewġ provvedimenti fil-liġi, jirriżulta b'mod evidenti illi l-prinċipji garantiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huma l-istess prinċipji garantiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Infatti, Qrati nostrana jagħmlu *di solito* referenza għal ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea fl-interpretazzjoni tagħhom tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

25. **Harris, O'Boyle u Warbrick**, fil-ktieb tagħhom ***Law of the European Convention of Human Rights***, jispjegaw:

*Article 6(1) does not guarantee a right of appeal from a decision by a court complying with Article 6 in either criminal or non-criminal cases. If, however, a state in its discretion provides a right of appeal, proceedings before the appellate court are governed by Article 6(1). The extent to which Article 6(1) applies to appeal proceedings, however, depends upon the nature of the particular proceedings, including the function of the appeal court and the relationship of proceedings before it with those earlier in the case. For example, the requirement of a public hearing may not apply fully where the court hears an appeal on points of law only and*

*where a public hearing has taken place on the merits in the trial court.*[10]

26. Hekk ukoll ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet ***Delcourt v. Belgium***[11], fejn ingħad:

*Article 6 para. 1 (art. 6-1) of the Convention does not, it is true, compel the Contracting States to set up courts of appeal or of cassation. Nevertheless, a State which does institute such courts is required to ensure that persons amenable to the law shall enjoy before these courts the fundamental guarantees contained in Article 6 (art. 6) (see, mutatis mutandis, the judgment of 23rd July 1968 on the merits of the case "relating to certain aspects of the laws on the use of languages in education in Belgium", page 33, in fine). There would be a danger that serious consequences might ensue if the opposite view were adopted; the Principal Delegate of the Commission rightly pointed to those consequences and the Court cannot overlook them. In a democratic society within the meaning of the Convention, the right to a fair administration of justice holds such a prominent place that a restrictive interpretation of Article 6 para. 1 (art. 6-1) would not correspond to the aim and the purpose of that provision (see, mutatis mutandis, the Wemhoff judgment of 27th June 1968, "As to the Law" paragraph 8).*

*26. Therefore, Article 6 para. 1 (art. 6-1) is indeed applicable to proceedings in cassation. The way in which it applies must, however, clearly depend on the special*

[10] Harris, O'Boyle & Warbrick, *Law of the European Convention on Human Rights* (OUP, 2nd Edn, 2009) p 298
[11] Appl Nr 2689/65, QEDB, 17 ta' Jannar 1970

> *features of such proceedings. Thus, in order to determine whether Delcourt has been a victim of a violation of Article 6 (art. 6), it is necessary to examine what are, both in law and in practice, the functions exercised in a case of this kind by the Belgian Court of Cassation and by the Procureur général's department attached to that Court.*

27. Dan il-fatt huwa evidenti saħansitra anke mit-test tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea stess. La l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jistabbilixxu xi forma ta' dritt sagrosant għal appell. L-unika dritt illi jistabbilixxu huwa illi, <u>fil-każ illi jkun hemm dritt t'appell</u>, jiġu implimentati s-salvagwardji stabbiliti fl-istess artikolu sabiex jiġi żgurat illi ma jkunx hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fil-proċeduri t'appell;

28. Hekk kif tajjeb jargumentaw l-intimati, huwa l-Artikolu 2 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea illi jiggarantixxi dritt t'appell f'materja kriminali, iżda, apparti l-fatt illi r-rikorrent mhux qiegħed jilmenta minn leżjoni ta' dan id-dritt fundamentali, tali artikolu anqas huwa applikabbli għall-każ odjern, stante illi dan mhux każ fejn hija *"is-sejbien ta' ħtija jew dik is-sentenza"* illi r-rikorrent qed jitlob illi jiġu rivisti minn tribunal ogħla;

29. Għaldaqstant, gialadarba d-dritt għal smigħ xieraq ma jkunx ġie leż fil-proċeduri meta meqjusa fl-assjem tagħhom, il-fatt illi ma jkunx hemm dritt t'appell ma jirrendix il-proċeduri awtomatikament leżivi għad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq. Tajjeb jingħad illi r-rikorrent mhux qiegħed hawnhekk jilmenta illi ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fil-proċeduri penali meħuda fil-konfront tiegħu *per se*, iżda illi l-fatt illi ma kellux dritt t'appell minn digriet illi permezz tiegħu ġiet miċħuda talba għal-liberta' proviżorja kien leżiv għad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq;

30. Minn hawn isegwi, għalhekk, illi <u>m'humiex applikabbli għall-każ odjern l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni</u>

Ewropea, stante illi d-dritt għal smigħ xieraq kontemplat f'dawn iż-żewġ artikoli ma jiggarantixxux il-possibilita' ta' appell minn proċeduri illi jkunu saru in ottemporanza mad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq;

31. Madanakollu, sabiex żgur din il-Qorti tkun qieset l-ilment tar-rikorrent minn kull angolu, din il-Qorti rat illi:

a. Il-proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrent ħadu minn Ottubru 2023 sa Frar 2024, u cioe erba' (4) xhur;

b. Matul dawn l-erba' (4) xhur inżammu tmien (8) seduti, u cioe preżentata u seduta f'Ottubru 2023, tliet (3) seduti f'Novembru 2023, tliet (3) seduti f'Diċembru u seduta f'Jannar 2024[12]. L-effiċjenza tal-Qorti sabiex tisma' l-każ miġjub fil-konfront tar-rikorrenti saħansitra dehret fil-fatt illi meta l-Avukat difensur talab illi seduta tiġi differita għaliex kien ser ikun qed jattendi attivita' soċjali mal-kollegi tal-uffiċċju tiegħu, il-Qorti ċaħdet it-talba preċiżament għaliex *"l-imputat fil-kawża odjerna jinsab taħt arrest preventiv, u għalhekk il-Qorti hija obbligata li tittratta dan il-każ b'iktar speditezza minn kawżi oħrajn."*[13];

c. Matul dawn l-erba' (4) xhur, ir-rikorrent użufruwixxa kemm-il darba mid-dritt tiegħu illi jressaq talba għall-ħelsien mill-arrest, u ressaq xejn inqas minn ħames (5) talbiet għal-liberta' proviżorja. Kull rikors ġie mismugħ bi speditezza u deċiż minn jum sa ftit jiem wara, hekk kif ġie senjalat aktar 'il fuq f'din is-sentenza, u l-unika darba illi ma ġiex hekk mismugħ u deċiż kien fuq talba tad-difiża sabiex ir-rikors biex tingħata l-liberta' proviżorja jiġi trattat fis-seduta ta' wara. F'kull digriet tagħha illi permezz tiegħu ġiet miċħuda talba tar-rikorrent, il-Qorti esponiet ir-raġunijiet illi wassluha għad-deċiżjoni tagħha, b'dana illi huwa evidenti illi l-Qorti ma kinitx qed tieħu deċiżjonijiet arbitrarji u mingħajr konsiderazzjoni għall-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ illi kellha quddiemha;

[12] Vide l-qoxra tal-proċess penali fil-*pendrive* immarkata **Dok SCT1**
[13] Digriet tat-12 ta' Diċembru 2023, a fol 140 tal-proċess tal-proċeduri penali

d. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi r-rikorrent kien ilu taħt arrest preventiv għal diversi xhur, u ddikjarat illi tali perjodu kellu jitnaqqas mill-piena karċerarja illi effettivament ngħata;

32. Dan ikkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent kienu in pien ottomporanza u rispett għad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq, stante illi r-rikorrent ma kellu l-ebda limitu (u infatti ħa vantaġġ minn din il-pożizzjoni) ta' kemm-il talba seta' jressaq għal-liberta' proviżorja, u għalkemm deċiżjonijiet dwar dawn id-diversi talbiet ngħataw minn l-istess Qorti, tali Qorti wriet illi kkunsidrat kull talba fil-mertu tagħha, u bbilanċjat il-pożizzjoni tagħha billi kkumpensat b'seduti frekwenti u effiċjenza fl-andament tal-proċeduri quddiemha;

33. Ir-rikorrent jikkontendi illi l-fatt illi l-Avukat Ġenerali għandu dritt t'appell fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri penali, dritt illi mhux mogħti lilu meta l-proċeduri jkunu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, jivvjolaw il-prinċipju ta' *equality of arms*. Madanakollu, hekk kif isostni r-rikorrenti stess, skont il-***Guide on Article 6 – Right to a fair trial (criminal limb)***, *"Equality of arms [...] requires that each party be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a disadvantage vis-a-vis his opponent (Öcalan v. Turkey [GC], 2005, § 140; Foucher v. France, 1997, § 34; Bulut v. Austria, 1996; Faig Mammadov v. Azerbaijan, 2017, § 19)."* Huwa evidenti għalhekk illi l-prinċipju ta' parita' ta' armi japplika meta wieħed iqis il-proċeduri penali bħala proċeduri avversarji (*adversarial proceedings*) fl-assjem tagħhom, u mhux għal xi aspett jew element wieħed fil-proċeduri bħalma qed jikkontendi r-rikorrent. Madanakollu, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, anke li kieku, għall-grazzja tal-argument, dan il-prinċipju kellu japplika għall-każ odjern, il-fatt illi r-rikorrent ma kellu l-ebda limitu fuq in-numru ta' drabi illi seta' jagħmel talba għal-liberta'provvizorja tpoġġih *en par* mal-Avukat Ġenerali, b'dana għalhekk illi din il-Qorti ma tarax kif il-provvedimenti relattivi fil-liġi qed jivvjolaw il-prinċipju ta' parita' tal-armi;

34. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma ssibx leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 Konvenzjoni Ewropea, u konsegwentement sejra tgħaddi sabiex **tiċħad** it-talbiet rikorrenti.

**Decide**

35. Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni sollevati mill-konvenuti;

ii. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti in kwantu mhux kompatibbli ma' din is-sentenza;

iii. **Tiċħad** it-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent Tran Manh Hung.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Deputat Reġistratur**